MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 386/2008

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 386/2008CSH**
**fl-ismijiet:-**
**Dottor Stefan Zrinzo Azzopardi I.D. 443073 (M) bhala kuratur tal-assenti Dr. Arwin Bawart son of Herbert Bawart and Herta Nader born in Feltkirch Austria and residing in Marsascala Malta I.D. 22998A**

**Vs**

**Goldenegg Enterprises Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti ghall-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet premessi nhar it-tnejn (2) ta' Dicembru 2008 fejn ippremetta s-segwenti:-

"*Illi sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, xtaq izomm lill-intimat milli jbiegh, jittrasferixxi jew b'xi mod jassenja l-proprjeta immobbli tas-socjeta intimata u dan in kawtela*

*ta' kreditu pretiz minnu fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi bhala kuratur tal-assenti Dr. Arwin Barwart (Avviz Numru 224/2007CSH) liema kreditu huwa fl-ammont ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin euro centesmu (EURO 11,646.87) ekwivalenti ghas-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000)."*

Rat id-digriet taghha tat-tnejn (2) ta' Dicembru 2008 fejn laqghet it-talba provisorjament w appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-hdax (11) ta' Dicembru 2008 wara li ordnat notifika tieghu lil kontro parti.

Rat ir-risposta tas-socjeta Goldenegg Enterprises Limited pprezentata nhar it-tmintax (18) ta' Dicembru 2008, fejn opponiet ghal hrug tal-imsemmi Mandat t'Inibizzjoni a bazi tas-segwenti:-

*"1. **Fl-ewwel lok**, it-talba tar-rikorrenti nomine ghal hrug tal-Mandat de quo hija irrita u nulla peress illi Mandat t'Inibizzjoni biex jizgura dejn, jew kull pretensjonio hra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin euro centesmu (€11,646.86) – jista jintalab biss taħt l-artikolu 874(1) Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta – u mhux taħt l-artikolu 873 tal-Kap 12. L-artikolu 831 tal-Kap 12 jipprovdi li t-talba ghal hrug ta' Mandat kawtelatorju ghandha ssir b'rikors imhejji mir-rikorrent fuq il-formula stabbilita. Illi l-formula wzata mir-rikorrenti, hija dik li tintuza taħt l-artikolu 873 u mhux dik li ghandha tintuza taht l-artikolu 874 tal-Kap 12.*

*"2. **Fit-tieni lok**, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-proceduri de quo huma nulli wkoll ghaliex bi ksur ta' l-artikoli 831 (2) u 831(3) tal-Kap 12, ir-rikorrent naqas milli jiddikjara bil-gurament l-origini w ix-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li irid iqieghed fiz-zgur. Is-socjeta esponenti umilment tissottometti li s-semplici riferenza ghal parti minn okkju ta' kawza (ghal giehna, lanqas okkju shih) ma hix bizzejjed sabiex tissodisfa l-vot tal-ligi fl-artikolu 31(2). Id-disposizzjoni generali tal-artikolu 831(2) tal-Kap 12, hija ferm izjed sinifikanti fil-kuntest ta' talba għal hrug ta'*

*Mandat t'Inibizzjoni, fejn il-Qorti hija mehtiega tiddecidi jekk prima facie hemmx lok ghal hrug tal-Mandat jew le. Issa, kif tista qatt din l-Onorabbli Qorti, tiddecidi jekk prima facie hemmx lok ghal hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni de quo, jekk ir-rikorrent nomine lanqas biss indika r-raguni ghalfejn qed jitlob il-hrug ta' Mandat fl-ewwel lok? In oltre, kif tista s-socjeta esponenti, tiddefendi ruhha kontra t-talba tar-rikorrenti nomine, jekk lanqas biss taf fuq x'hiex ir-rikorrent noe qed isejjes it-talba tieghu? Huwa appuntu sitwazzjonijiet bhal dawn li l-legislatur hass il-htiega li r-rikors ghal hrug tal-Mandat kawtelatorju, jissodisfa l-provedimenti tal-artikolu 831(2), li pprovda espressament li jekk dan il-vot ma jigix sodisfatt, tali nuqqas ghandu inezorabilment jikkomporta n-nullita (art. 831(3)).*

*"In sostern tat-tezi taghha, is-socjeta esponenti umilment tirreferi ghal:-*

***A)*** ***<u>Christopher Xerri vs John u Marthese konjugi Grima u l-Perit David Psaila</u>*** *(Rikors Numru 1078/2007) Prim Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Lino Farrugia Sacco fit-3 ta' Awwissu 2007);*
***B)*** ***<u>Dottor Leslie Cuschieri vs Marisa Osthus u Oliver Osthus</u>*** *(Rikors Numru 1096/2007- Prim Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Imhallef Lino Farrugia Sacco fis-6 ta'Novembru 2007;*
*Li kopja informali taghhom qed jigu annessi u mmarkati bhala dokumenti "A" u "B" rispettivament. Fiz-zewg istanzi, il-Prim Awla hassret Mandati kawtelatorji (Sekwestri) li kienu addirittura diga nhargu appuntu abbazi tal-fatt li l-Mandat ma kien jikkontjeni l-ebda dikjarazzjoni dwar l-origini u x-xehta tal-kreditu.*

*"3. Illi fil-mertu, in vista tan-nuqqas tar-rikorrent li jindika b'mod car x-xorta u l-origini tal-pretensjoni/kreditu allegat minnu, ftit li xejn hemm x'tista tissottometti s-socjeta esponenti, hlief li tinnega bis-sahha kollha li hija qatt m'irceviet xi hlas minghand ir-rikorrenti nomine li sa fejn taf hi ma kienx dovut lilha skond ftehim ta' bejniethom. Is-socjeta esponenti tirribadixxi li kull hlas li sar mir-rikorrenti noe, kemm fuq il-konvenji de quo, kif ukoll l-att tat-trasferiment ta' proprjeta, sar fil-presenza tan-Nutar*

*liberament maghzul mir-rikorrent nomine stess u li ghalhekk, l-allegazzjoni tar-rikorrent nomine (li jghid li huwa avukat f'pajjizu w ghalhekk jaf sewwa kif ghandu jipprotegi d-drittijiet tieghu) li ghamel xi hlas li ma kienx dovut minnu, qajla tista tittiehed bis-serjeta. Sa lum, la fl-atti ta' dan il-Mandat, la fl-atti tal-kawza pendenti bejn il-partijiet u lanqas imkien iehor, ir-rikorrrent nomone qatt ma spjega fuq x'hiex qed jibbaza l-allegazzjonijiet fiergha tieghu.*

*4. Illi fil-verita, t-talba tar-rikorrenti noe ghal hrug ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni ma hija xejn ghajr abbuz sfaccat tal-process gudizzjarju. Ibda biex, ir-rikorrent noe jaf sewwa li s-socjeta esponenti ghandha proprjeta immobbli li tiswa ferm izjed mill-ammont pretiz minnu. Dan l-immonbli, fost beni ohra, jikkonsisti f'arja fuq tlett blokok t'appartamenti (inkluz dik tal-blokk fejn jirrisjedi r-rikorrent nomine) tal-kejl komplessiv din l-arja ta' circa disa mija u erbgha u disghin metri kwadri (994mk). Din l-arja ta' circa disgha mija u erbgha u disghin metri kwadri (994mk). Din l-arja hija munita bil-permessi kollha necessarji sabiex jigu zviluppati f'penthouses w ghalhekk, mizerjament tiswa 'l fuq minn mitejn elf euro (€200,000). Ir-rikorrent noe jaf ukoll li terza persuna li ghandha ftehim mas-socjeta esponenti fil-fatt qed tibni diversi penthouses fuq l-arja msemmija. Dan kollu r-rikorrent prorio et noe jafuh sewwa, ghaliex diversi drabi ikkomunikaw direttament ma terza persuna w iltaqghu mieghu. Fic-cirkostanzi ghalhekk, ir-rikorrent zgur li ma kienx konxju mill-fatt li bit-talba tieghu, kif redatta kien ser jolqot proprjeta immobbli li tiswa ferm izjed mill-pretensjoni tieghu.*

*Illi apparti mill-arja fuq imsemmija, s-socjeta esponenti ghandha wkoll beni ohra immobbli, konsistenti f'numru ta' garages li wkoll mehudin flimkien, jiswew ferm izjed mill-pretensjoni tar-rikorrenti noe.*

*Illi ghalhekk, ftit li xejn jista jkun hemm dubbju li r-rikorrent nomine talab il-hrug tal-Mandat de quo mhux daqstant sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet li jallega li ghandu daqskemm biex, malizjozament ikompli jivvessa u jimportuna lis-socjeta esponenti.*

*Ghaldaqstant talab lil din il-Qorti sabiex tichad il-hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni bl-ispjjez kontra r-rikorrenti nomine, salv kull provediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportuni fic-cirkostanzi."*

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-Mandat de quo fis-seduta ta' nhar it-Tlieta, sebgha w ghoxrin (27) ta' Jannar 2009.

Rat l-artikoli tal-ligi u senjatament l-artikolu 829 et tal-Kap 12, l-artikoli 829 sa 838A dwar id-Disposizzjonijiet Generali, u l-artikoli 873 sa 877 dwar il-Mandat t'Inibizzjoni;

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tmintax (18) ta' Dicembru 2008 per Imhallef Lino Farrugia Sacco - Rikors Numru 1964/08FS fl-ismijiet **Emmanuel u Rita Mallia [I.D. 665952(M)] u [I.D. 450655(M)], Francis u Celestine Mallia [I.D. 912348(M)] u [I.D. 774359(M)] u Bonavia Properties Limited C-1844 vs Le Terrain Limited (C-27922** fejn inghad li:

"*L-iskop ta'Mmandat kawtelatorju huwa li kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li jkun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji*."

Fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament, l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur. Meta jipprezenta dak ir-rikors, ir-rikorrent ghandu jsemmi l-lok li fih l-avviz ta' l-ezekuzzjoni tal-Mandat ghandu jsir.

L-artikolu 836 jelenka r-ragunijiet ghar-revoka ta' Mandat kawtelatorju.

Permezz tal-artikolu 838, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 280 dwar il-hin tal-ezekuzzjoni, jghoddu ghall-Mandati kawtelatorji.

Il-garanzija ghall-hlas ta' penali, hija provduta fl-artikolu 838A, waqt li l-artikolu 838B. Kull Mandat kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh, sakemm il-kawza tigi maqtugha b'mod konkluziv, jew ma jigix imhassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-Mandat.

Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-part' opposta li ghandha tipprezenta risposta fi zmien ghaxart ijiem, liema terminu jista' rigi ridott mill-Qorti f'kazijiet urgenti. Il-Qorti tista ghall-ewwel tohrog provizorjament Mandat ghal zmien qasir taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha li jkun jehtieg skond il-kaz u sussegwentement, tipprovdi definittivament. Fin-nuqqas t'oppozizzjoni, il-Qorti tista' tilqa' t-talba.

Wara l-emenda bl-Att XIV 2006.102, l-Qorti ghandha, wara li tappunta ghas-smiegh, tiddeciedi dan ir-rikors fl-iqsar zmien possibbli, izda mhux aktar tard minn xahar [artikolu 875(3)] mill-gurnata li gie pprezentat u mahluf il-Mandat.

Fid-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, deciz nhar it-tlieta (3) ta' Marzu, 2005 fl-ismijiet **Dragonara Casino Limited vs Dragonara Resort Limited** inghad:

*"Minn dawn jirrizulta li **l-iskop** ta' Mandat t'Inibizzjoni hu dak li:*
*1. jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor ikun li jkun;*
*2. jzomm persuna milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor;*
*3. jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok;*
*4. jzomm persuna taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-Mandat.*

Dwar dak li nsibu taht (d) dwar il-kliem '**tkun ta' hsara'** fil-kawza **Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe** inghad li:

*"Ghandha tinghata nterpretazzjoni li dak li qed jipprova jigi inibit, jekk ma jigix inibit, jista' jkun ta' pregudizzju fis-sens, li mhux biss jikkawza hsara pero` li jikkawza hsara li m'hemmx alternattiva ghalih almenu fil-mori tal-kawza jew li l-alternattiva hija sproporzjonata…"*

(Vide wkoll **Victor Mizzi vs Joseph Gasan et** [Rikors Nru. 4216/92] per Imh. J. D. Camilleri, u **Avv. Dr. Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et** [Rikors Nru 3984/92] per Imh. Albert Manche`)

**Ir-rekwisiti** essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat t'Inibizzjoni huma li:

I. Il-Qorti m'ghandhiex tohrog Mandat bhal dak, jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI]
II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT ***PRIMA FACIE*** JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET.

Minn dan, jidher li l-procedura bil-Mandat t'Inibizzjoni, hija wahda ta' natura eccezzjonali. Fil-kawza fl-ismijet **Giacomo Galea vs Pio Bezzina** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-hamsa (5) t'Awwissu 1954 intqal:

*"Illi, fil-kliem tal-ligi, "l-iskop tal-Mandat t'Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor, inkella milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat"; u "l-Qorti ma ghandhiex tohrog dan il-Mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-Mandat hu mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan ir-rikorrent "prima facie" jidher li ghandu dan id-dritt" (Art. 876 Kodici tal-Procedura Civili);*

*Illi ghalhekk, tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-Mandat in kwistjoni; jigifieri, l-ewwel, ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fil-ligi, fil-kaz prezenti, li l-intimat, jigifieri l-appellant, qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent, jigifieri lill-appellat; imbaghad, li jkun jidher "prima facie" li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew jidher "prima facie" li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara jew molestja; u fl-ahharnett, li l-Mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent. Dawn huma t-tliet indaginijiet li l-Qorti ghandha taghmel f'din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm u tiddeciedi f'din il-kawza, tar-rikorrent; altrimenti tkun qieghdha taghmel f'din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm u tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorrent; altrimenti tkun qieghda tiddeciedi l-meritu tal-kawza li ghaliha jirreferixxi l-Mandat; liema meritu mhux quddiem din il-Qorti;"*

**DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI**

L-interpretazzjoni ta' dak imsemmi taht dan l-aspett [l bhala rekwizit] hi, li mhux bizzejjed li rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzji, izda wkoll li tali pregudizzju jrid ikun irriparabbli; ghax il-Qorti ma tohrogx il-Mandat t'Inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat ghar-rikorrent. Irid ikun, kif jghid it-test bl-ingliz "*necessary*".

Naturalment, salv dak li jinghad taht is-sub-artikolu 5, il-pregudizzju ma jridx ikun wiehed ta' natura finanzjarja, ghax bhala tali, dan hu rimedjabbli, purche' jkun hemm l-assi ghalih.

**IR-RIKORRENT *PRIMA FACIE* JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET**

Biex tordna l-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni, huwa necessarju li r-rikorrenti jissodisfa lill-Qorti li ***prima facie*** ghandu dawk il-jeddijiet, u dana dejjem f' livell ta' "***prima***

***facie***", minhabba li l-kwistjoni tigi ezaminata dettaljatament fil-kors ta' kawza istitwita ***ah hoc*** fejn tigi deciza b' mod definittiv.

Ghalhekk ikun jinkombi fuq il-Qorti li taghti pronunzjament definittiv fi proceduri li necessarjament iridu jsegwu dawk odjerni.

Infatti Mandati kawtelatorji, huma dipendenti w ancillari fuq l-istituzzjoni t'azzjoni entru terminu perentorju."

Wiehed irid izomm f'mohhu u jaghmel distinzjoni bejn ir-rimedju ordinarju fejn wiehed jidhol u jezamina kull aspett applikabbli filwaqt li fil-kaz tal-Mandat t'Inibizzjoni r-rimedju huwa wiehed straordinarju u li jirrigwarda tliet elementi ossija;

a. li jkun hemm *prima facie* d-dritt tar-rikorrent li jimpedixxi l-appellant li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara;
b. l-element li dak li l-intimat ikun qed jaghmel fil-fatt ikun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent; u
c. finalment li tali Mandat ikun necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrent."

Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-Mandat in kwistjoni:

1. Li l-intimat qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent;
2. Li jkun jidher *"prima facie"* li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara;
3. Li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

Illi ghalhekk, minn ezami ta' l-artikoli 873 sa 877 tal-Kapitolu 12, jirrizulta li hemm erba' tipi ta' Mandat t'Inibizzjoni, u cioe`:

- dak imsemmi taht l-artikolu 873 li wiehed jista' jsejjahlu generali;

- dak imsemmi taht l-artikolu 874 li wiehed jista' jsejjahlu aljenatorju;
- dak imsemmi taht l-artikolu 876 meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew ser taghmel kawza ghal separazzjoni personali;
- dak imsemmi taht l-artikolu 877 li hu intiz biex izomm persuna milli tiehu persuna minuri barra minn Malta.

L-artikolu 873 tal-Kap 12 isemmi li l-iskop tal-Mandat t'Inibizzjoni, hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Il-Mandat irid:
a) ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u
b) li dak ir-rikorrent ***prima facie*** jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Dan il-Mandat intiz biex iwaqqaf persuna milli taghmel kull haga li tkun tista' tkun ta' pregudizzju ghar-rikorrenti, jrid isir fuq il-formola 21, u dan kif ser jinghad aktar 'l isfel.

A tenur ta' l-artikolu 874 Mandat t'Inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hamest elef lira, u dan bl-iskop li izomm lid-debitur milli jbiegh, jittrasferixxi jew jiddisponi ***inter vivos*** mill-proprjetà li tigi ndikata fir-rikors.

Dan il-Mandat t'Inibizzjoni aljenatorju huwa intiz biex izomm lill-intimat milli jaljena beni 'n kawtela tal-kreditu pretiz mir-rikorrent, w ghalhekk iwassal ghal talba biex l-allegat debitur jigi inibit milli jaljena beni msemmija fil-mandat. Hawn trid tintuza l-formola 25.

L-artikolu 876 jitkellem fuq meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew ser taghmel kawza ghal separazzjoni personali, w hawnhekk jintuzaw formola 22 f'kaz ta' separazzjoni personali li jinibixxi lill-parti l-ohra fiz-zwieg, u formola 23 f'kaz ta' separazzjoni personali li jinibixxi socjeta` kummercjali.

L-artikolu 877 tal-Kap 12 huwa intiz biex izomm persuna milli tiehu persuna taht l-eta` barra minn Malta, u trid tintuza l-formola 24.

Issa l-Kapitolu 12 jaghmel tassattiv il-mod procedurali taht diversi aspetti u fl-artikolu 1007(1) jinghad:

*"(1) Fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skond il-formuli migjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici."*

Ukoll l-artikolu 831(1) jghid hekk:

*"(1) It-talba ghall-hrug ta' xi wiehed mill-Mandati hawn fuq imsemmija ssir b'rikors imhejji mar-rikorrent fuq il-formula stabbilita."*

Issa l-artikolu 876A jipprovdi li:

*"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 829 sa 844 jghoddu ghall-Mandat t'Inibizzjoni."*

L-iskeda B tal-Kap 12 tistabbilixxi l-formoli li ghandhom jintuzaw ghad-diversi atti, inkluz Mandat t'Inibizzjoni u cioe` l-formola 21, li tipprovdi biex izzomm lill-intimati milli (u hawn wiehed ghandu jikteb il-hwejjeg li jrid li jigi mizmum milli jaghmel), li hija a bazi ta' l-artikolu 873. Il-formola li ghandha tintuza mal-Mandat t'Inibizzjoni ai termini ta' l-artikolu 874 (biex kreditur jizgura l-hlas ta' dejn jew pretensjoni ohra u b'hekk izomm lid-debitur milli jbiegh, jittrasferixxi jew jiddisponi) hija dik bin-numru 25 fl-iskeda B tal-Kap 12.

Il-**formola 21 tipprovdi** ordni lill-Marixxall biex izomm lill-intimat milli jaghmel hwejjeg imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta' hsara ghar-rikorrent taht il-pieni li thedded il-ligi ghal min jonqos.

Il-**formola 25 tipprovdi** ordni lill-Marixxall biex izomm lill-intimat milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruz jew gratujtu kull proprjeta`.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-rikorrenti qed jitlob sabiex is-socjeta intimata tinzamm milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi ***inter vivos*** jew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`immobbli taghha. Illi r-rikorrenti ma jiddiskrevix l-proprjeta immobbli li huwa huwa jixtieq li l-Qorti tinibixxi l-biegh taghha. Jghamel referenza generali biss lil kawza ohra Avviz Numru 224/2007CSH fejn indika biss isem l-attur ta' dik il-kawza. Illi ghalhekk ma jirrizultax minn ezami tar-rikors il-proprjeta li r-rikorrenti jixtieq izomm milli tigi trasferita taht kwalsiasi titolu lil xi terz u lanqas ma jirrizulta x'tip ta' pretensjoni ghandu r-rikorrent kontra l-intimat.

L-intimat ighid li din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet rikorrenti ghal diversi ragunijiet kif fuq spjegati pero in linea preliminari jghid, li r-rikorrenti m'uzawx il-procedura gusta u ai termini ta' l-artikolu 1007(1) tal-Kodici CIvili li jghamilha tassattiva fuq ir-rikorrenti li juza l-formula korretta:

Jinghad li:

*"(1) Fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skond il-formuli migjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici."*

Illi t-talba tar-rikorrenti saret skond l-artikolu 873 tal-Kap 12 u dan nonostante li l-Mandat sar sabiex r-rikorrenti jizgura dejn jew pretensjoni li tammonta mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u tmenin euro centesmu (€11,646.86) w ghalhekk, l-intimat ghandu ragun li l-Mandat messu sar skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 w ghalhekk, in segwitu messha giet uzata l-formula bin-numru 25 fl-iskeda B tal-Kap 12.

**Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma thossx li ghandha tiddiskuti l-eccezzjonijiet l-ohra mressqa mill-intimat, peress li fid-dawl ta' dak li intqal aktar 'l fuq, dan ir-rikors qed jigi michud w ghalhekk tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tat-tnax (12) ta'**

**Dicembru 2008 fejn kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti provisorjament.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------